# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja
# 2017
# L-Iskema tal-Marki
# Il-Malti: Il-Kitba

Aċċetta l-kitba ta' kliem mill-Ingliż jekk jinkiteb kif jinħass fil-Malti jew kif jinkiteb fl-Ingliż, dejjem jekk ma jkunx hemm kliem ieħor popolari bi lsienna.

| **A. Il-Kitba ta' Direzzjonijiet (10 marki)** | | | |
|---|---|---|---|
| *Il-kitba ta' direzzjonijiet għandha tinkludi fiha: l-ismijiet tat-toroq minn fejn iridu jgħaddu u d-direzzjonijiet it-tajbin li jridu jieħdu biex jaslu fil-post. Il-kitba tista' tkun maqsuma f'paragrafi jew f'paragrafu wieħed. Jiġu aċċettati wkoll direzzjonijiet f'forma ta' bullets. Importanti li l-verbi jkunu fl-Imperattiv.* | | | |
| **L-Espressjoni (2 marki)** | | | |
| **0-1** | | **2** | |
| Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba. | | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u b'mod ċar. | |
| **Il-Vokabularju (2 marki)** | | | |
| **0 - 1** | | **2** | |
| Għandu firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | | Għandu firxa wiesgħa ta' vokabularju. | |
| **Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (2 marki)** | | | |
| **0 - 1** | | **2** | |
| Ħa ħafna żbalji tal-grammatika u ma jafx jibni sentenza sew. | | Jaf ir-regoli ewlenin tal-grammatika u l-istruttura tas-sentenza hija tajba. | |
| **L-Ortografija u l-Punteġġjatura (3 marki)** | | | |
| **0** | **1** | **2** | **3** |
| Ġab iktar minn 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 7 u 9 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 4 u 6 żbalji mhux repetuti. | Ġab 3 żbalji jew inqas mhux repetuti. |
| **L-Eċċellenza (marka)** | | Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. | |
| *F'każ li l-istudent* ***ma jagħtix id-direzzjonijiet it-tajba****, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.* | | | |

| **B. Il-Kitba fuq Avveniment** | |
|---|---|
| **Il-pjan tal-kitba (2 marki)** | |
| *Il-pjan jista' jkun magħmul b'diversi modi. Jista' jkun fih kliem u/jew tpinġijiet. Għall-pjan tnaqqasx marki għall-ortografija, għall-grammatika u għall-punteġġjatura.* | |
| ▪ Il-pjan huwa relevanti mas-suġġett li ntgħażel. | 1 |
| ▪ Il-pjan huwa organizzat sew. | 1 |
| *Student li jikkopja l-għajnuniet mogħtija mingħajr ma jżid xejn minn tiegħu, jew li jagħmel pjan bla ebda relevanza mas-suġġett li għażel, ma jiħux marki.* | |

**Il-kitba tal-avveniment (18-il marka)**

*L-istudent għandu jikteb bejn 140 u 200 kelma.*

**L-Espressjoni (2 marki)**

| 0-1 | 2 |
|---|---|
| ▪ Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba – ebda marka.<br>▪ Ma jafx jikkomunika sewwa l-ħsibijiet b'kitba ċara u b'ordni – marka waħda. | ▪ Jaf jesprimi ruħu tajjeb, b'mod ċar u b'ordni. |

**It-Tqassim (2 marki)**

| 0-1 | 2 |
|---|---|
| ▪ Kitba bla ebda tqassim f'paragrafi ma tingħata l-ebda marka.<br>▪ Kitba mqassma f'aktar minn paragrafu wieħed, imma bla daħla u għeluq, tingħata marka waħda biss. | ▪ Kitba mqassma f'paragrafi bis-sens, bid-daħla, il-qalba u l-għeluq, tingħata żewġ marki. |

**Il-Vokabularju (4 marki)**

| 1 - 2 | 3 - 4 |
|---|---|
| ▪ Kitba li għandha firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | ▪ Kitba li għandha firxa wiesgħa ta' vokabularju. |

**Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (4 marki)**

| 1 - 2 | 3 - 4 |
|---|---|
| ▪ Kitba b'ħafna żbalji tal-grammatika u mingħajr struttura tajba tas-sentenzi. | ▪ Kitba bir-regoli ewlenin tal-grammatika u struttura tajba tas-sentenzi. |

**L-Ortografija u l-Punteġġjatura (5 marki)**

| 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Ġab iktar minn 21 żball mhux repetut. | Ġab bejn 14 u 20 żball mhux repetut. | Ġab bejn 11 u 13-il żball mhux repetut. | Ġab bejn 8 u 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 5 u 7 żbalji mhux repetuti. | Ġab 4 żbalji jew inqas mhux repetuti. |

| **L-Eċċellenza (marka)** | Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. |
|---|---|

***Jekk l-istudent jikkonċentra aktar fuq aspett wieħed tat-titlu, ma jitnaqqsux marki.***

*F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.*